# L-Arti fi "L-'Jien' u Lilhinn Minnu" ta' Dun Karm

Hemm xrara li xi darba tikbes,
u meta tikbes tixgħel,
u meta tixgħel taħkem,
u tħaddan il-Poeta u donnha tbusu
u tgħidlu kliem li ħadd għajru ma jifhem.

DUN KARM—*Dell u Dija.*

Lehma qawwija hija x-xrara ta' poeżija kbira; neħħi din u xejn ma jifdal ħlief taqbila bierda, kiesħa u mejta. Iżda minnaħa l-oħra jista' jkollok lehma mill-aqwa, jekk din ma tkunx imfissra tajjeb b'sengħa ta' mgħallem, li tqajjem fil-qarrej l-istess tqanqiliet ta' ruħ il-poeta, il-poeżija tmut fuq ommha.

Mhux la kemm tgħid x'inhi sewwa l-poeżija. Għandna xi ħjiel ta' twelidha: tqanqila f'ruħ il-poeta li ġġagħlu jfisser lil ħaddieħor dak li jħoss u jekk ma jfissirhiex dak il-ħin jibqa' biex ma jfissirha qatt. Ara x'jikteb Dun Karm: "*Jiena ma nafx xinhu iżda meta xi ħaġa tolqotni, il-fantasija tixgħel, qalbi timtela u mingħajr ma nista' nrażżan dik il-lehma, arani ninxteħet fuq mikteb u nħażżeż versi, u nħassarhom, u nerġa' nikteb u nbiddel u nżid u nnaqqas sakemm xi ħaġa toħroġ u tiġi għal fehmti*" (1). Hekk ukoll A. E.: "*There was something of the unexpected in the poetry itself, for it broke in upon and deflected the normal current of consciousness,.... the words would often run swiftly from hidden depths of consciousness and be fashioned by an art with which the waking brain had but little to do.... I was surprised by a sudden fiery rush out of words within me and took pencil and pen and paper and wrote as rapidly as fingers could move, the words which came to me* (2)". Mela l-poeżija tibda f'ruħ il-poeta u "L-Jien" ta' Dun Karm bdiet f'ruħ Dun Karm. *I Sepolcri* jfissru dak li jaħseb il-Foscolo, u ħsieb il-Foscolo mhux ħsieb Dun Karm. Għalhekk fil-poeta Malti waqt il-qlib ta' *I Sepolcri* aktarx li kien hemm tqanqila li mhix ta' dari, tqanqila, li ma satax irażżan, biex ifisser dak li jaħseb hu. Hawn, naħseb, hu l-*genesis* ta' dan il-poema kbir. Il-ħsieb hu għoli biżżejjed biex jixgħel il-

---

(1) P. P. Saydon—Ġ. Aquilina: *Ward ta' Qari Malti* Vol. I (Malta 1936-1940) p. 193.

(2) A. E.: *Song and its fountains.*

fantasija ta' poeta. It-tagħlim ta' Dinna hu poeżija fih in-nifsu, jgħid Newman. Iżda l-poeta jrid ifisser dan il-ħsieb b'mod li jqajjem f'ruħ il-qarrej (jew is-semmiegħ) l-istess tqanqila li ġarrab hu. Hawn tidħol is-sengħa. U din is-sengħa hi ħaġa waħda mal-lehma, għaliex dak li jgħidilna l-Prof. Fry għal Arti Plastika nistgħu ngħiduh għall-poeżija: "*We must not forget, that the organizing power, though it has a kind of likeness to logic, is not really intellectual: it too depends on feeling* (1)."

Dan il-poema lìrku-didattku jiġbor fih il-qofol tat-tagħlim kattolku. Għalhekk l-oriġinalità tal-ħsieb m'hix kbira. Ma ninsewx li l-poeta kattolku hu marbut mid-domma. Iżda hemm oriġinalità oħra. Kull poema didattku kbir huwa msejjes fuq xi xjenza jew xi filosofija ta' xi ħadd li ġie qablu. Lucretius sejjes il-poema tiegħu fuq tagħlim ta' Democritus u Epicurju, Virgilius fuq dak ta' Hesiod. Pope mexa fuq Bolingbroke, Leibnitz, Pascal u oħrajn. Dun Karm mexa fuq tagħlim il-Knisja; u xorta oħra lanqas seta jimxi. B'daqshekk imma ma jfissirx li m'humiex oriġinali. Courthope kiteb: *What is wanted from a didactic poet is that he should so completely assimilate the philosophy of his subject as to be able to present it in a lucid and persuasive form, and with all ornament due to the art of poetry* (2). Għalkemm mhux ħaġa ħafifa twaqqaf regli għall-poeżija l-aktar meta jkollha xejra lirka qawwija bħalma hi din, biss naraw illi dawn l-erba' ħwejjeġ meħtieġa fil-poeżija didattka jinsabu f'dan il-poema. Is-sengħa ta' Dun Karm f'"Il-Jien" hi oriġinali tassew. Biha l-poeta jolqtilna l-fantasija, jaħkem imħuħna, ibiddel il-ħsibijiet astratti fi xbihat jew sentimenti qawwija, iqanqal fil-qalb ta' min iħoss l-istess tqanqila li ġarrab hu. Il-poeta jitwaħħad mal-filosofija Kattolka, kif jixhduh ix-xejriet lirki qawwija li niltaqgħu magħhom. L-anqas it-tiżjin poetku ma jonqos: deskrizjonijiet maqlugħa waħda wara l-oħra, tixbihat, versi milquta, frażijiet u kliem imdawwal b'soġġettiviżmu għoli. Kull naqxa ta' ħsiebu hi mikxufa, hu rattab il-kelma Maltija, ħareġ is-setgħat u l-ġmiel kollu li jinsab miġbur fi Lsienna.

Il-poeta jinqeda bl-allegorija. Iġibilna quddiemna ħajtu infisha; jurina x'taqlib għadda minn fuq ruħu; x'tagħlim ħa minn għand ommu u kif dan it-tagħlim għab malli fetaħ il-kotba. Niltaqgħu ma' tliet taqsimiet ewlenin. Fl-ewwel waħda l-poeta jistudja l-irqaqat kollha ta' ħsiebu mingħajr it-twemmin. Fit-

(1) R. Fry: *Last Lectures* (Cambridge University Press 1939) p. 181.

(2) W. J. Courthope: *A history of English Poetry* Vol. III (London, Macmillan 1903). p. 57.

tieni taqsima l-poeta jġibilna quddiemna l-ġlieda bejn il "Jien" kburi wil-"Qalb" twajba u ġwejda:

Ġo fija bdiet taħdita ħierqa
bejn ħsiebi u qalbi: l-wieħed bħal fuqani...

u hawn ilaqqa' flimkien ma' *fehmet* moħħu w qalbu t-tagħlim li kiseb mit-tiġrib u minn għand il-Knisja. Fit-tielet taqsima jfisser fit-tul il-filosofija, misluta mit-*taħdita ħierqa*, li għandha thennih.

It-taqsim ta' din il-poeżija f'dawn it-tliet taqsimiet ewlenija ma jfissirx illi tista' tifridhom minn xulxin b'qatgħa ta' sikkina. Dawn it-taqsimiet huma hekk marbuta flimkien li l-ħajja tal-waħda hi l-ħajja ta' l-oħra. Hekk, b'din il-għaqda l-poema hu ħaġa ħajja ħierġa minn ruħ il-poeta. Dan it-taqsim kien imnebbaħ lill-poeta mill-lehma nfisha. F'kull biċċa tintlemaħ id-daqqa ta' id imħarrġa, daqqiet li jikxfu l-ħsus tal-poeta; ukoll l-għaqda ta' bejniethom, kif waħda tidħol ġo l-oħra, tixhed ix-xejra kollha li l-moħħ wil-qalb ħadu waqt din it-taqliba f'ruħu. Niftakru li l-poeta lirku, bħal ma hu Dun Karm, ma jafx b'regli oħra ħlief dawk li ġġiblu quddiemu l-lehma ta' dak il-ħin. Hu kollu minnu li l-arti tfisser: tagħti sura lill-ħsus ta' l-artist; iżda din is-sura trid tkun taqbel ma' dawn il-ħsus. Il-ħsus iridu jnebbħu f'moħħ l-artist is-sura li għandhom jieħdu biex jitqajmu wkoll f'ruħ il-qarrej; inkella xejn ma joħroġ ħlief biċċa xogħol mejta. It-taqsim tal-"Jien" jaqbel mal-bidu, mat-tikbir, u l-mogħdija ta' dawn il-ħsus f'ruħ Dun Karm. Il-lehma bdiet meta l-poeta tagħna ra quddiemu l-filosofija zoppa tal-Foscolo, bla faraġ. Għalhekk l-ewwel biċċa turina n-niket tal-bniedem tal-lum. Jibda jaħseb u jġib quddiem għajnejh kwadri mill-ħajja li jbikku u hekk titnissel it-taħdita ħierqa bejn il-moħħ, il-qalb, it-tiġrib u tagħlim il-Knisja. Minn din it-taħdita jislet il-filosofija li thennih. Din hija s-sura li qdiet il-poeta u hekk wettaq dak li jgħidilna Lascelles Abercrombie: "*The poet's business is not to describe things to us but to create the very things themselves —to make experience happen over again in the other man's mind*" (1).

M'hux is-sura biss li taħji x-xogħol artistku. Jinħtieġu rqaqat oħra għat-tlaħħim tan-naqxiet żgħar tal-lehma. Dawn l-irqaqat jitbiddlu minn poeta għall-ieħor u minn biċċa xogħol għall-oħra. Meta niġu biex nistudjaw dawn l-irqaqat irridu nżommu dejjem quddiem għajnejna x'kien dak li xegħel il-fantasija tal-poeta. Għalhekk ma naslu mkien meta noqogħdu

(1) Fir-rivista "*English*" Vol. II. No. 12 Autumn 1939, p. 377.

ngħidu din il-poeżija ma fihiex hekk u l-oħra fiha, mela din akbar u aħjar mill-oħra. Kull ma għandna niftakru hu li kull biċċa xogħol artistka twaqqfet u nbniet fuq xejra għaliha nfisha, u xejn aktar.

Min jaqra sewwa u jifli bir-reqqa *Il-Jien* jintebaħ u jintlaqat mill-ħjiel drammatku tiegħu; u dan jidher mill-ewwel mis-sura tal-poema u mit-tlaqqigħ flimkien tal-poeta wiċċ imb'wiċċ mal-ħolqien, il-qalb mal-moħħ, tagħlim il-kotba ma' tagħlim omm il-poeta. Il-bidu,

Ħsiebi bħal agħma: biex isib it-trejqa
itektek bil-għasluġ kull pass li jagħti;
jimxi qajl qajl u qatt ma jaf fejn wasal:
dalma kbira tostorlu l-KIF u l-GĦALA,
u d-Dawl li hu jixtieq qatt ma jiddilu,

jixbah ħafna lil xi prologu drammatku. Wara, poeta, imlaqqa' mal-ħolqien, jurina kif dan jaħdem fuqu. Imbagħad naraw kif il-poeta jinħakem daqshekk minn ommu li tista' tgħid ibiddel fehemtu. Nerġgħu biex ngħid hekk għal *xena* oħra, fejn naraw il-ħolqien jaħkem il-poeta, meta dan jilmaħ fih mhux in-niket ta' qabel iżda l-Imħabba mifruxa fuq kollox. Jagħlaq b'epilogu li jispiċċa b'dawn il-versejn

Issa mexxini Int, għax fik biss nagħraf
il-Għajb tal-"Jien" u l-Ġmiel ta' "Lilhinn Minnu."

L-element drammatku hu hekk qawwi, li jkolli ngħid li kieku Dun Karm ma kienx poeta lirku qabel kollox, kien isawwar din it-tqabbila tiegħu fi dramm. Kollox jagħtik ħjiel ta' dramm: kif fehma taħdem fuq oħra, aktar w aktar ma' tul dik it-"taħdita ħierqa." Kif il-ħsieb bil-qajla l-qajla jitbiddel fuq it-twissijiet ta' ommu u jintebah bid-djufija ta' fehmtu sa ma jasal f'dilemma u ħsiebu jixxengel min-naħa għall-oħra u fejn qabel ilissen il-versi kiesħa li jixhdu l-bruda ta' qalbu:

tlabt lill-missier ħanin li qaltli ommi
u baqgħet bla tweġiba s-sejħa tiegħi,

issa jfisser dan il-kliem kollu hena:

Iżda lil ommi ma ħqarthiex fi ħsiebi,
għax ommi kienet safja u deh'nha qawwi,
u jien ħabbejtha kif iħobb poeta.

u hekk tibda t-"taħdita ħierqa" u tbiddillu fehmtu għal kollox tista' tgħid. B'din ix-xejra drammatka din il-poeżija tissokta togħla w tikber fis-siwi letterarju w artistiku tagħha. Biha l-poeta jidħol f'ruħ il-qarrej, aktar w aktar billi din hi msieħba mix-xejra qawwija ta' Mħabba, xejra li tħoll u torbot mhux il-"Jien" biss iżda l-poeżija kollha ta' Dun Karm.

Kif wieħed jista' jara meta jistudja l-ħsieb tal-"Jien" l-Imħabba tħoll u torbot f'dan il-poema. L-ispirtu ta' l-Imħabba jinħeba taħt il-versi tista' tgħid kollha. M'għandniex xi ngħidu, it-tagħlim ta' Kristu li l-poeta jrid jislet hu msejjes fuq l-Imħabba w aktar ma jisħaq fuq l-Imħabba aktar jaħkem moħħ il-qarrej. L-Imħabba biss mewtet l-argumenti tal-moħħ "fuqani". Il-loġk atal-moħħ waqgħet taħt l-illoġka (kif tidher) ta' l-Imħabba. Għalhekk il-poeta biex jaqla' aktar 'l barra dan l-ispirtu jinqeda b'dehriet u bi kliem li jnibbtu u jwieldu f'moħħna l-ħsieb ta' l-Imħabba u dawn issibhom mal-poema kollu. Insibuh dan l-ispirtu f'sentenzi qosra

...ir-rużinjol itenni l-għanja
li għallmitu l-Imħabba.

L-agħsafar moħbijin fix-xuxa
tal-fraxxnu u tal-ħarrub igħannu l-għanja
ferrieħa ta' l-Imħabba.

u l-kwiekeb

marbutin b'rabta ta' mħabba

u l-Ħallieq

...mħabbtu firex
bħala ġwienaħ wesgħin fuq kbir u ċkejken.

Hekk il-poeta juri r-rabta ta' Mħabba fil-ħolqien. Iżda l-poeta jurina b'tixbihat u b'dehriet maqlugħa l-imħabba bejn il-bnedmin. Id-dehra tat-tifel jiġġerra qalb l-oqbra kiesħa jfittex 'il missieru:

Tara t-tfajjel jiġġerra liebes l-iswed
qalb l-oqbra jfittex dik il-qalb li darba
kienet taqbeż bil-ferħ u taqsam miegħu
l-hena tas-saħħa; b'leħen kiebi jsejjaħ:
"Missier! Missier!"

u d-dehra tal-ħaddiema taħt xemx tisreġ, iħabirku biex jaqilgħu l-għajxien għalihom u għal uliedhom:

"meta x-xemx tisreġ
fuq il-jasar ta' nies li taħdem, tħabrek,
tagħnet u tagħraq, biex ma' wliedha ltiekol
il-loqma samra aktarx bid-dmugħ imxarrba.

Kbira l-imħabba li torbot it-tifel ma' missieru u li ġġagħal il-ħaddiem jitjassar biex jitma 'l uliedu; iżda quddiem din l-Imħabba l-poeta ma waqafx; imma baqa' ssummat u kibret it-tqanqila ġo ruħu kull meta ftakar jew leħħet f'moħħu x-xbiha t'ommu. Xi tfisser il-kelma *omm* għal Dun Karm narawh minn din is-silta mill-poeżija tiegħu *Waħdi*:

"Omm!... xi ħlewwa, xi tjieba ta' isem!
Omm, il-kelma tal-ferħ fil-hemm,
Omm, il-kelma tal-ħniena fil-ħtija,
Omm, il-kelma li trażżan id-demm"

Ma jinsabx il-poeta mnikket, bla faraġ mingħajr it-twemmin? L-omm li tagħmel kollox għal uliedha, imqar tagħti ħajjitha, ħennet għall-poeta tagħna. Kif Beatrice kienet li farrġet 'il Dante u wrietu t-triq tas-sewwa, hekk f'ommu Dun Karm sab 'il dik li ħelsitu mit-tfixkil kollu. Għalhekk għalih il-kelma *omm* tfisser *imħabba*. Magħha jxebbah il-Knisja u lilha jafu t-tagħlim ta' tfulitu. Qatt ma ħaqarha fi ħsiebu għax kienet "deh'nha qawwi". Kif inhu miġbud lejha narawh mid-deskrizzjoni tal-għaġeb, tfur b'soġġettiviżmu li jikxef xinhi tħoss il-qalb li tħobb:

Sabiħa fil-ġmiel kollu tagħha
dehret quddiemi x-xbiha t'ommi. Ħelwa
kienet id-daħka fuq xofftejha; ħelwa
id-dija rżina ta' ħarsitha; ħelu
dak wiċċha qamħi taħt il-kotra bajda
ta' dlielha bellusin.

Ma jinsiex kemm kienet tħobbu meta kien għadu tfajjel. Kelmitha għadha ddoqq f'widintu u kien jemminha b'għajnejh magħluqa.

U jien emmint, u għax emmint, ftaħt qalbi
għal tama kbira, u l-ward ħeġġeġ madwari.

u kien joħlom ħajja kollha ward u żgħar. Imbagħad kemm hi ħelwa t-tixbiha tal-Knisja ma' omm. Ma tistax tiddiskrivi l-ġmiel, iżda aktarx tħossu, ta' dawn il-versi:

Bħal id ta' omm għaddiet ratba fuq rasi
u smajt kliem sieber ta' twissija ħelwa:
"Kullħadd imsallab għaliex Kristu msallab."

Mhux Kristu forsi l-ikbar għelm ta' Mħabba! Qalb il-poeta tixgħel kull meta tilmaħ l-inqas ħjiel ta' mħabba. B'hekk titwieled ix-xejra lirka li żżejjen il-poema u taħjiha.

'L hemm u 'l hawn niltaqgħu ma' bċejjeċ li jikxfu xi nuqqas ta' ħeġġa fil-poeta. Dan jiġri aktarx f'dawk il-bċejjeċ fejn ifisser xi argument. F'dawn il-bċejjeċ il-poeta m'huwiex, u ma jistax ikun, oriġinali fil-ħsieb, iżda hemm oriġinalità fil-*kif* ifisser l-argument. Qabbel *"Erba' Kelmiet Qabel"* (1), fejn issib l-istess ħsibijiet, ma' dawn il-bċejjeċ u malajr tintebaħ bid-divrenzja ta' bejniethom. Fil-waħda ma jiġbdek xejn ħlief it-tagħlim

(1) Dun Karm: *L-Jien u Lilhinn Minnu* (Malta Chretien, 1938).

tagħha u fl-oħrajn jiġbdek il-ġmiel li hemm fil-kliem, it-tixbihat u s-sura tagħhom:

Nemmen. Kelma qalila imma sabiħa:
ċaħda tal-JIEN u l-akbar wetqa tiegħu.
Għaliex jekk kulma nafu 'l barra minna
emminnieh lilna nfusna u lil ħaddieħor
u f'dik l-emmna wettaqna l-fehma tagħna,
l-akbar wetqa tal-JIEN Int biss, Mulejja;
għax fiergħa l-kelma tal-bnedmin u tbiddel,
u l-għerf li l-bieraħ kien imexxi d-dinja,
kellu l-lum jerġa' lura fuq mixjietu:
imm'Int ma tbiddiltx, u l-kelma tiegħek
għadha tinsama' l-lum sħiħa u widdieba
bħalma nsemgħet fil-bidu, u tibqa' tidwi
fuq il-ħerba taż-żmien, sakemm fis-sema
tibqa' sultana x-xemx u taħtha tibqa'
tħabbat xi qalb.

Dawn il-versi juruna kif f'idejn il-poeta argument miġbud minn ieħor, jieħu l-ħajja u l-ġmiel. L-ewwel il-poeta jixħet dak li jaħseb u mbagħad juri għaliex jaħseb hekk u mhux ħaġ'oħra. Raġuni wara oħra mżewqa b'tixbihat maqlugħa u ħajja.

Din il-poeżija hi, aktar milli didattka, poeżija lirka, u x-xejra lirka titmewwet biss, kif rajna, fejn il-poeta jfisser xi tagħlim tal-filosofija. U dan nistennewh: il-lirka hi bint it-tqanqil il-qalb u mhix ġejja mix-xjenza li hi, fil-bruda tal-fatti, kollha kemm hi barranija għall-poeta. Iżda kull fejn ifisser tqanqil il-qalb il-lirka toħroġ qawwija, safja, ħajja, tbaqbaq minn ruħ il-poeta. Din il-lirka turina l-ħsus kollha tal-poeta quddiem il-misterji tal-ħajja. Toħroġ il-lirka fin-niket meta l-poeta jsib ruħu waħdu taħt star ta' sema mkewkeb:

Qawwija kienet ħarsti lejn is-sema,
u ħsiebi ttawwal, bħal ma tagħmel xitla,
biex jixrob l-ewwel dawl li sata' jinżel
minn dak l-iżraq bla qiegħ, minn dak il-wisa'
bla truf.................................

..................................................
Hemm kien is-sema bid-djamanti żoroq
tal-kwiekeb jiddu ġewwa ħbub għajnejja;
hemm il-baħar mifrux fid-dalma siekta
iħaxwex l-għanja ta' tfulitu; moħbi
ġo siġar moħbijin—ruħ imbikkija—
hemm kien ir-rużinjol itenni l-għanja
li għallmitu l-imħabba;—poeżija
ħelwa li traqqad ix-xejriet tal-ġisem,—
iżda sebħ ma tefgħetx fuq ħsiebi mdallam,
anqas ġo qalbi ma tefgħet is-sliem.

u fil-hena meta jasal biex iħaddan it-twemmin:

Kif tagħmel qalb l-għoljiet ragħda qawwija,
li tarġa' lura minn kull ġenb irdumi
u tidwi ġo widnejk, hekk reġgħet lura
minn kull tarf tal-Ħolqien dik it-twissija
u tenniet ġewwa moħħi: Emmen! Emmen!
..................................................
..............u fl-egħrien ta' qalbi
il-kelma tas-Smewwiet, ta' l-Art, tal-Baħar
baqgħet tidwi bħal arpa wara l-aħħar
messa tal-kordi minn idejn l-imgħallem.

L-hena ġdid daħal f'qalbu u xegħellu l-fantasija u ħareġ dan il-kantku, biex ngħid hekk, li juri l-ħolqien jiddi f'miljietu.

Dawn iż-żewġ siltiet juruna ċar is-soġġettiviżmu fil-lirka ta' Dun Karm. Soġġettiviżmu qawwi li tista' tgħid ibiddel il-bixra tal-ħwejjeġ li għandu quddiemu u jlewwinhom kif jogħ-ġbu u kif tnebbħu l-lehma. Fl-istess poema Dun Karm, f'banda jiddejjaq bil-ħolqien u f'oħra jithenna u jħossu jfarrġu. F'ommu ma jilmaħx ħlief imħabba, tjubija u qawwa ta' deħen u jinsa in-nuqqasijiet li bħal ħaddieħor jista' jkollha. Jaħseb li leħen ir-rużinjol hu mbikki bħalu, u meta jithenna jfittxu bħala għelm ta' ferħ:

moħbi jgħanni
l-għasfur ferrieħi l-għanja tar-rebbiegħa.

Bla għadd huma t-tixbihat f'din il-poeżija. Il-lehma tal-poeta tbiddel kollox fi xbihat ħajja. Filli tkun q'ed taqra xi deskrizzjoni, filli tfeġġ daqsxejn ta' metafra jew similitudni li tiswa mitqilha deheb, bħal din:

Emmen qalu s-Smewwiet fil-kobor tagħhom
u firxu quddiem ħarsti, f'lejl ta' safa,
bħal xmara twila tal-ħalib, bħal sħaba,
ta' trab tal-fidda u magħha......

Jinqeda bihom il-poeta biex iżid il-ġmiel tal-poema bħal din li għadna kemm rajna. Kull kelma hija ġmiel fiha nfisha: *xmara tal-ħalib, trab tal-fidda*. Jagħtu dawl ġdid fuq it-tagħlim li l-poeta jrid jisqina, biex ngħid hekk:

Għidli, j'ommi,
tmut l-Imħabba bil-mewt? Jew bħalma jagħmel
farfett li jħalli l-fosdqa fl-art u joħroġ
jittajjar ħieles taħt ix-xemx ta' Mejju,
tħalli l-Imħabba t-trab fejn kienet tgħammar.

Xi ħsieb jieħu l-libsa bihom bħal :

Siġra
imsoqqija mill-għajn tal-ħniena kbira
is-siġra tas-salib, u mill-ward tagħha
jitnissel l-ħena kbir ta' ħajja ħielsa.

Xi minn daqqiet dawn it-tixbihat jintisġu ġo xulxin u jsiru ħaġa waħda bħal dawn :

Qiegħda
dik ix-xewqa ġo fik bħalma fil-qamħa
qiegħda moħbija s-setgħa tan-nebbieta;
iżda l-fjur tagħha—fjur ta' ġid għal dejjem—
fil-ġonna tas-smewwiet ma jiftaħx f'lewnu
jekk qabel, fuq din l-art, ma tmutx imkasbra
iż-żerriegħa tal-ġisem: mhux għaqli
tibki lill-qamħa u ma tifraħx biż-żbula.

Dawn it-tixbihat huma meħuda mil-ħolqien. Ħaġa li tolqtok tassew. Ix-xemx, iż-żbula, l-għeruq, il-majjistral, is-siġra, iż-żraġen, ix-xitla, il-warda, kollha għandhom imkienhom fil-metafra wis-similitudni ta' Dun Karm. Donnu jrid ifakkarna fil-Għaqda ħajja tal-Ħolqien. Barra dan l-oriġinalità tagħhom ittihom bixra għalihom. Il-fantasija tal-poeta biss, ta' poeta ta' qalb li tħoss, jista' jintebaħ bit-tixbih li hemm bejn il-mogħdija ħalifa tat-tifkiriet ta' ħajtu u l-mogħdija wil-ġiri ta' 'sħab imqatta', bejn id-dell li jaqa' fuq l-art u niket il-poeta mħabba dawn it-tifkiriet. Tħoss xi ħaġa f'qalbek għat-telf ta' ġmielha malli tiddellel l-art wir-reżħa terġa' fuqha wis-sħana fietla tax-xemx; ma s-saħħanhiex aktar. Kemm hu aktar maqlugħ it-tlaqqigħ ta' balluta godlija mal-"ħaxix ta' rasu ċkejkna" jew din:

Rqiqa
bħal ħajta tal-ħarir u bħalha ratba
u mżewqa reġgħet ġiet iddoqq f'widnejja
mill-kenn ħadrani tal-balluta kbira
l-għanja ferrieħa tal-bufula.

X'osservazzjonijiet imreqqa li magħhom jiġbdu sensiela ta' tifkiriet u ta' immaġinazzjonijiet warajhom: ***ratba bħal ħarir, kenn ħadrani, għanja ferrieħa***! U kif inhi maqtugħa x-xbiha tal-bufula kontra x-xbiha tal-'balluta kbira!'

Bħala tiżjin ieħor il-poeta jinqeda bid-deskrizzjonijiet. Fil-għadd tagħhom ma jisbqux it-tixbihat, iżda għall-ġmiel, għall qawwa, għall-ħajja tagħhom ma jagħmlulhomx għajb. Mhux biss jiddeskrivilna l-oġġett iżda jagħti ħajja ġdida lil dan l-oġġett. Hekk f'din id-deskrizzjoni :

Madwari l-ħsejjes
tal-ħidma kienu siktu u l-lejl kien firex
l-istar tiegħu bla lewn fuq l-art u l-baħar.
Ħelwa kienet is-siegħa! Fuq ix-xtajta,
il-mewġ iħaxwex dik l-għanja ċkejkna
li tħannen għall-mistrieħ: għannej waħdieni
fis-skiet bil-lejl, ir-rużinjol iwieġeb
b'leħen imbikki, u bħala ruħ li tisħar
l-arloġġ iwennes lil min jisħar bħalu.

Kemm tinqala' l-għanja mnikkta tar-rużinjol f'dak is-skiet lejli. Kemm tifkiriet jinbtu f'moħħna! L-alliterazjoni b'dawk il-ħafna *essijiet* u *exxijiet* imħallta flimkien imxerrda mal-vrus kollha. Dak il-kliem li ma jistax jingħata tifsira sewwa bħal: ***star bla lewn, għanja ċkejkna, ruħ li tisħar, l-arloġġ jisħar.*** Hawn insibu xi ħaġa li taqbel, mad-deskrizzjoni ta' T. Hardy f'"*The Darkling Thrush*".

"The tangled bine-stems scored the sky
Like strings of broken lyres,
And all mankind that haunted nigh
Had sought their household fires.

...............................................

At once a voice arose among
The bleak twigs overhead
In a full-hearted evensong
Of joy illimited;

An aged thrush, frail, gaunt, and small,
In blast-beruffled plume,
Had chosen thus to fling his soul
Upon the glowing gloom.

Biċċa xogħol oħra ta' l-immaġinazzjoni hi t-tpinġija ta' xbihet ommu. Erba' daqqiet ta' pinna bħal: ***dija rżina ta' ħarsitha, kotra bajda ta' dlielha, daħka fuq xoftejha,*** u għandek f'moħħok ix-xbiha ta' xwejħa, li ħadd ma jneħħilek minn quddiemek. Bħala l-aħħar wirja tad-deskrizzjoni ta' Dun Karm nisiltu din:

Rajtu madwari l-ġmiel tar-raba' jħaddar
bis-siġar u l-ħaxix; smajt l-ilma jgelgel
it-tislima tas-saħħa u moħbi jgħanni
l-għasfur ferrieħi l-għanja tar-rebbiegħa;
'ma ftit lilhinn iċ-ċpar kiber u ħarsti
iddennset u fil-bogħ'd għamiet għal kollox.

Il-poeta jinqeda bl-ilsien biex ifisser dak li jħoss, jiġifieri, irid isawwar ħsibijietu fl-ilsien. Għalhekk jinħtieġlu jsib is-setgħat kollha moħbija fih u jagħġnu kif jidhirlu hu. Newman

jgħidilna: "*his mental attitude and bearing, the beauty of his moral countenance, the force and keenness of his logic, are imaged in the tenderness, or energy, or richness of his language*" (1). Hekk Dun Karm jinqeda bis-setgħat kollha tal-frażeoloġija Maltija. Jagħżel il-frażijiet u l-kliem li jdoqqu sabiħ fil-widna; *bħal xmara twila, sħab imqatta', tilgħab fuq ħaddejja*; oħrajn li jġibu magħhom sensiela ta' xbihat w immaġinazzjonijiet bħal: *taba ta' faraġ, ġol-ħondoq tad-dwejjaq tefgħet is-sliem, mingħajr ħoss titbandal, qalbu* (tal-ward) *tleblex, kobor bla xtut*. Frażijiet bħal dawn mhux għalkemm taqbad u ttihom tifsira eżatta. "*The function of the poet is not to separate and crystallize into compactness the common thought; it is rather to link it to infinities of association to send it out in trailing clouds of glory*" jgħidilna Gwynne (2). Barra dan hemm ukoll il-perijodi mwieżna fid-daqs u fir-ritmu. Daqqa sentenzi qosra jixbhu ħafna l-ilfiq:

Għajjew għajnejja tħares bla ma tara,
u qalbi nfniet. Min sa jagħtini l-hena
tad-dawl sabiħ? Min sa jurini t-trejqa
li twassalni xi mkien fejn hemm il-milja
tax-xewqa kbira li taħfili 'l ħajti.

u oħra sentenzi qosra jitħalltu ma' oħrajn twal l-aktar meta jkollna xi argument filosofku jew xi xejra lirka. Kollox jixhed il-ħsus tal-poeta u jurina l-inqas xejra ta' ħsiebu. Niltaqgħu ma' xi kuntrast qawwi f'perijodu wieħed:

L-art ħanina
laqgħethom, bħallikieku biex tidfinhom
mal-mijiet u l-eluf li mietu qabel.
Iżda fuq dak il-friex ta' weraq mejjet
ħadra u sabiħa baqgħet tħaxwex l-għanja
tal-ħajja s-siġra, sħiħa fuq ġenbejha,
dirgħajja miftuħin u fl-ajru safi
tmewweġ il-kotra ta' xuxitha.

Iħobb ilaqqa' ħafna verbi flimkien bħal *taħdem, tħabrek' tagħnet u tishar* jew *taħkem, tagħfsu, tirkbu*. Verb isħaħ minn ieħor biex jagħmlu gradazzjoni sabiħa, li tinsab ukoll f'xi perijodi sħaħ bħal

ebda ħaxixa
niedja ma tħaddar; ebda ħoss ferrieħi
ta' ilma ħaj; il-Mewt qiegħda fuq kollox.

---

(1) Newman: *Literary Selections from Newman* (London 1930) p. 98.

(2) S. Gwynne: *Masters of English Literature* (London, 1938) p. 172.

Mhux biżżejjed li jinqeda b'xi frażijiet bħal *"din ħajti"* biex inissel mogħdrija imma wkoll isawwar xi ħsieb qawwi b'dan il-għan:

"Egħref mill-bniedem dan l-għasfur li jgħanni
fuq il-ħerba tal-mewt bla biża' tagħha.

Ara kif il-versi huma mtawla bla waqfien xejn sa ma jispiċċaw għal xejn għal xejn. Hekk ukoll jispiċċa wieħed mill-itwal perijodi lirki:

"baqgħet tidwi bħal arpa wara l-aħħar
messa tal-kordi minn idejn l-imgħallem.

It-tqanqiliet wil-ħsibijiet tal-poeta għandhom fihom infushom xejra ritmika li mhix it-tiżjin letterarju, iżda l-leħen tal-lehma stess. Din ir-ritmika magħġuna fil-poeta tidher fil-versi u r-ritmu li bih jinqeda f'għanjietu. Dawn jimxu t-tnejn massuġġett. Il-versi tal-ħdax bħal dawn tal-"Jien" aktarx insibuhom fil-għanjiet daqsxejn waħda twal, billi dawn fihom ħafna ħsus u tqanqil li ma jixxiebhu xejn u jinħtieġu ritmi differenti. Il-"qabbiel" hu l-*irsir* tal-vers iżda l-"poeta" hu *sid* il-vers. F'idejn Dun Karm il-vers hu biċċa għodda u jaf jinqeda biha. Hemm versi jixbhu, fir-ritmu tagħhom, il-mixi, l-ilfiq jew it-tkarwit tar-ragħad:

Kif tagħmel qalb l-għoljiet ragħda qawwija.
li targa' lura minn kull ġenb irdumi.

Dawn iż-żewġ versi u ta' warajhom huma mqassma fi tlieta li jfakkruk fit tkarwit mitnikker tar-ragħad. L-ewwel vers imtawwal u jaqla' iktar 'il barra t-tkarwit imtawwal tar-ragħda. Fil-waqt li l-aċċent ritmiku hu qawwi, kull fejn hemm xejra lirka bħal dawn iż-żewġ versi li għadna kemm rajna, fil-vers fejn hemm xi tagħlim filosofiku l-aċċent huwa mejjet li bil-kemm ma jagħmelx ir-ritmu tal-poeżija jixbah 'il dak tal-proża:

Qiegħda
dik ix-xewqa ġo fih bħalma fil-qamħa
qiegħda moħbija s-setgħa tan-nebbieta.

Dan in-nuqqas ta' aċċenti sħaħ, itaqqlu l-vers f'mixjitu u l-qarrej iktar jaħseb f'dak li jaqra. Qabbel il-versi ta' qabel u dawn ta' l-aħħar u tara d-divrenzja fir-ritmu tagħhom. Niltaqgħu ma' versi oħra li għandhom waqfa f'nofshom bħal:

bin-nervi li jħaddnuk / tad-demm li jsaħħnek

Versi bħal dawn issibhom aktarx meta jkun hemm xi gradazzjoni bħal dawn, fejn xi minn daqqiet issib iżjed minn waqfa waħda;

minn dak l-iżraq bla qiegħ, / minn dak il-wisa'.
ta' għadam, / dgħif, / egħruq, / u demm / u nervi.

Hemm versi li ssibha bi tqila biex tistħarreġ u tgħid mnejn hu ġej ġmielhom :

Ħelwa li traqqad / ix-xejriet tal-ġisem
Anqas ġo qalbi / ma tefgħet is-sliem
Baqgħet tidwi / bħal arpa wara l-aħħar

Versi bħal dawn li huma bla għadd jixhdu l-qawwa tal-lehma tal-poeta. Barra hekk, hu ta' min jistudja tajjeb il-versi tal-"Jien" għax jixħtu dawl kbir fuq l-aċċent ritmiku Malti. Kif rajna dawn il-versi tal-ħdax li slitna jistgħu, xi mindaqqiet, jieħdu aktar minn tliet aċċenti.

Rajna l-ġmelijiet ta' din il-għanja wieħed, wieħed. Magħqudin kollha flimkien jagħtu saħħa u ħajja 'l-poema. Barra li ngħoddu din il-poema bħala ġawhra letterarja artistika, ngħodduha wkoll bħala xhieda qawwija tas-setgħat moħbija ta' l-Ilsien Malti. Urina Dun Karm kemm tfisser il-kelma Maltija, x'sensiela bla tarf ta' tifkiriet u x'immaġinazzjonijiet iġġib magħha; u x'ritmu fih il-Malti biex jaqdi l-poeta lirku!

K. SANT.
(Student tal-Letteratura)

7/1/41.